# MIN ĦALAQ LIL ALLA?

Minn John N. Clayton

Huwa faċli tagħmel argument għal l-eżistenza ta' Alla minn punt di vista kosmoloġiku. Kif is-snin għaddew, ammont li dejjem qiegħed jikber ta' data xjentifika akkumula li jinnega assunzjonijiet ateisti dwar kif il-materja u kosmu ġew fl-eżistenza u kif din waslet għall-kondizzjoni preżenti tagħha. Bħala għalliem tax-xjenza u lekċerer fuq il-kompatibbiltà ta' twemmin f'Alla u x-xjenza, jiena kont impressjonat b'konxjożità li dejjem qed tiżdied fuq il-parti ta' ħafna xjenzati u teologi lix-xjenza u r-reliġjon huma dixxiplini simbjotiċi, jiġifieri, li jinfluwenzaw lil xulxin.

Mistoqsija waħda li inevitabbilment tqum f'diskussjoni ta' din in-natura hija x'inhu l-oriġini ta' Alla? Jekk Alla ħalaq il-materja/enerġija, u fassal is-sistemi li mbuttaw il-materja fl-arranġament preżenti, min jew x'kiseb dak għal Alla? Għaliex huwa aktar raġonevoli li temmen li Alla minn dejjem "kien" milli huwa li tgħid li l-materja dejjem "kienet"? Kif qal Karl Sagan, "Jekk aħna ngħidu li Alla dejjem kien, għaliex ma nnaqqsux pass u ngħidu li l-univers dejjem kien?" (*Cosmos,* p. 257).

Minn ħarsa purament xjentifika, huwa faċli li turi li l-materja ma tistax tkun eterna fin-natura. L-univers qiegħed jespandi minn dak li jidher li hu punt tal-bidu fl-ispazju/żmien, li jidher li hu ġrajja ta' żmien wieħed. Idroġenu huwa l-fjuwil bażiku tal-kosmu, jagħti

l-qawwa lill-kwiekeb u sorsi oħra ta' enerġija oħra fl-ispazju. Jekk il-fjuwil ta' l-univers kien użat eternament, dak il-fjuwil eventwalment ikun tbattal għal kol-lox, imma x-xhieda hija li l-kejl tal-gass kosmoloġiku, waqt li sejjer lejn "vojt," għadu triq twila 'l bogħod milli jkun hemm—kondizzjoni mhux kompatibbli ma' univers etern. It-tieni liġi tat-termodinamika tinsisti li l-kosmu qiegħed sejjer lejn kondizzjoni ta' diżordni, xi kultant irriferuta bħala "mewta tas-sħana." ("heat death.") Ukoll f'univers oxxillat, ħwejjeġ fl-aħħarnett tispiċċalhom l-enerġija u "jmutu." Din ix-xhieda koll-ha, u bosta oħrajn li aħna m'għamilniex riferenza għa-lihom, turi li l-materja ma tistax tkun eterna, kif Dr. Sagan u sħabu jixtiequ li jemmnu. Iżda, dan ma jfis-sirx li aħna awtomatikament naċċettaw l-ipotesi li Alla huwa l-Kreatur. Għaliex huwa ndaqs invalidu li tissu-ġġerixxi li Alla minn dejjem kien?

Il-problema hawn hija li ħafna nies għandhom kon-ċett żbaljat ta' Alla. Jekk aħna nimmaġinaw lil Alla bħala kreatura fiżika, antropomorfiku (bħal raġel), il-mistoqsija ta' l-oriġini ta' Alla hija valida. Iżda, kon-ċett bħal dan huwa barrani għall-Bibbja u għas-sens komun. Ikkonsidra d-deskrizzjonijiet li ġejjin ta' Alla mill-Bibbja:

<u>Ġwanni 4:24</u>
"*Alla **hu** Spirtu:…*"

<u>Mattew 16:17</u>
"*…mhux il-laħam u d-demm għarrfek **dan**, imma Missieri li hu fis-smewwiet.*"

<u>Numri 23:19</u>
"*Alla* ***mhux*** *bniedem biex…*"

Ovvjament, id-deskrizzjonijiet u l-konċetti ta' Alla mogħtija f'dawn il-passaġġi huma li Alla huwa entità spiritwali. Hu jeżisti barra mid-dinja ta' tliet dimensjonijiet u fiżika li fiha aħna ngħixu. Fil-fatt, aħna naqraw hekk fl-Ittra lir-Rumani:

> "*Il-bnedim li jżommu l-verità mjassra fl-inġustizzja għandhom il-korla ta' Alla nieżla mis-sema fuq il-ħażen u l-inġustizzja kollha tagħhom…waqt li riedu jagħmluha ta' għorrief bliehu u bidlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma sura u xbieha tal-bniedem li jintemm….****Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba****, u taw il-ġieh u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq, li jkun imbierek għal dejjem. Amen*" (Rumani 1:18-25; enfasi tiegħi).

Illum naraw statwi u pitturi fejn fihom naraw lil Alla l-Missier bħala raġel xiħ bil-baffi. Dan hu dak li huwa kkundannat fil-Kelma ta' Alla, u r-raġuni hija għaliex minħabba f'hekk dawk li qegħdin jagħmlu dawk l-affarijiet qegħdin "*ibiddlu l-glorja ta' dak Alla li* ***ma jintemmx*** *ma sura u xbieha tal-bniedem* ***li jintemm*** ***….Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba***" Dak huwa dnub kbir! Ħafna niex sinċiera qegħdin jiġu mqarrqa

b'dak il-mod! Alla jeżisti barra mid-dinja ta' tliet dimensjonijiet u fiżika li fiha aħna ngħixu.

Il-Bibbja tkompli tappoġġja dan il-kunċett ta' Alla fil-passaġġi li ġejjin:

Ġeremija 23:23-24

"*Huwa jien Alla mill-qrib, igħid il-Mulej, u mhux Alla mill-bgħid?…Mhux jien li nimla s-sema u l-art? igħid il-Mulej.*"

2 Kronaki 2:6

"*Iżda min għandu l-ħila jibnilu dar, jekk is-sema, u s-sema tas-smewwiet ma jesgħuhx?…*"

Atti 17:28

"*Għax aħna fih ngħixu, u nitħarrku, u għandna l-eżistenza tagħna;…*"

Mhux biss Alla huwa muri bħala li qiegħed barra mill-ispazju, imma Hu mfisser ukoll bħala li Hu barra miż-żmien. Ikkonsidra li ġej:

2 Pietru 3:8

"*Imma ħaġa waħda, maħbubin, għandkom iżżommu f'moħħkom, li jum wieħed quddiem il-Mulej* ***hu*** *bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed.*"

Salm 90:4

"*Għax elf sena quddiemek* ***huma biss*** *bħal bieraħ meta jgħaddi, u bħal sahra bil-lejl.*"

Salm 102:27

"*Iżda* ***int li int*** *tibqa': u sninek m'għandhomx tmiem.*"

Atti 1:7

"*...Mhux għalikom li tkunu tafu ż-żminijiet jew il-waqtiet, li l-Missier qiegħed taħt is-setgħa tiegħu stess.*"

Jekk Alla huwa essri li Hu bla limitu fiż-żmien, u jekk Hu għandu aċċess għal kull biċċa żmien bħallikieku din kienet issa, il-mistqosija ta' min ħalaq lil Alla hija mistoqsija invalida. Il-problema hi bħal meta titlob lil student biex ipinġi trijanglu b'erba' naħat. *It-terminoloġija hija kontradittorja fiha nfisha*.

Meta nistaqsu, "Min jew x'ħoloq lil Alla?," aħna nkunu qegħdin nagħmlu l-assunzjoni li Alla kien maħluq. Jekk Alla jeżisti barra mill-ispazju u ż-żmien, u jekk Hu huwa l-Ħallieq taż-żmien u l-ispażju, ovvjament Hu ma kienx maħluq! Alla beda l-bidu! Dan hu għaliex Hu jgħid,

> "*Jiena l-Alfa u l-Omega, il-**bidu** u t-tmiem, l-ewwel u l-aħħar*" *(*Isaija 41:4; 44:6; 48:12; Rivelazzjoni 21:6; 22:13).

Alla ħalaq iż-żmien. L-istqarrija ta' Ġenesi,

> "*Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art,*"

qiegħda tagħmel riferenza għall-ħolqien taż-żmien. Ir-raġuni li ħwejjeġ bħal mewta tas-sħana (heat death), l-espansjoni ta' l-univers, u t-tbattil jew tnaqqis ta' l-idroġenu ma japplikawx għal Alla hija għaliex Hu barra miż-żmien. Alla kien minn dejjem. Hu mhux biss beda ż-żmien; Hu jispiċċah ukoll. Meta ż-żmien jiġi fit-tmiem, il-materja kollha u l-umanità kollha jidħlu fl-eternità—kondizzjoni bla żmien ħielsa mill-ħwejjeġ negattivi liż-żmien iġib fuqna issa.

2 Pietru 3:10-11

> "*Imma jum il-Mulej jiġi bħal ħalliel bil-lejl; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-egħmejjel ukoll li fiha jinħarqu. Mela la dawn il-ħwej-jeġ kollha għandhom idubu, jaħtieġ tgħaddu ħajja ta' qdusija u ta' tjieba, …*"

Rivelazzjoni 21:4

> "*U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u ma jkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġigħ iżjed: għax l-ewwel ħwejjeġ ikun għaddew.*"

Il-pożizzjoni agnostika li ma hemm xejn li jista' jintqal biex jappoġġja l-eżistenza ta' Alla li ma jistax jintqal kontra dik l-eżistenza ma tistax, fl-opinjoni ta' l-awtur, tieqaf quddiem din ix-xhieda.

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, dejjem lesti li ngħinuk bl-aħjar mod li nistgħu biex "*tagħraf il-verità li tista' teħilsek*" (Ġwanni 8:31-32).

Għal aktar informazzjoni jew għall-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza bla ħlas ikteb lill:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,

Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd – 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 7.00 p.m.
www.churchofchristmalta.com
E-mail: info@churchofchristmalta.com